

Brussell, 12 ta' Frar 2018

XT 21016/18
BXT 17
PV/CONS 4

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali Art. 50)
29 ta' Jannar 2018

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda.....	3
----	---------------------------	---

Attivitajiet mhux leġislattivi

2.	Negożjati wara n-notifika mir-Renju Unit skont l-Artikolu 50 TUE	3
	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea	
	Sitwazzjoni attwali	
3.	Affarijiet oħra	3
	ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	4

*

* *

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dok. 21009/18.

Attivitajiet mhux leġislattivi

2. **Negozjati wara n-notifika mir-Renju Unit skont l-Artikolu 50 TUE**

21004/18
+ ADD 1 REV 1
21011/18

Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea
Adozzjoni

Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill:

- adotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea flimkien mal-Anness tiegħu (kif jinsabu rispettivament fid-dokumenti XT 21004/18 u XT 21004/18 ADD 1 REV 2), u
- iddeċieda li jirreġistra fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet mehmużin u jagħmilhom pubbliċi;
- ħa nota tas-sitwazzjoni attwali fin-negozjati mar-Renju Unit u ddiskuta t-triq 'il quddiem.

3. **Affarijiet oħra**

Ma tqajmet ebda kwistjoni taħt dan il-punt.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

**Rigward il-punt
"B" nru 2:**

Negozjati wara n-notifika mir-Renju Unit skont l-Artikolu 50 TUE

Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

- "1. Skont il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' April u l-15 ta' Diċembru 2017, huwa mfakkar li l-UE hija lesta li tistabbilixxi sħubijiet mar-Renju Unit fl-oqsma tas-sigurtà, id-difiża u l-politika barranija kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità internazzjonali. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll arranġamenti speċifiċi mar-Renju Unit f'dawn l-oqsma matul il-perijodu ta' transizzjoni, b'kont meħud tal-qafas għar-relazzjoni futura.
2. Il-Kunsill ser ikompli jsegwi l-aspetti kollha tan-negozjati mill-qrib u jżomm dawn id-direttivi ta' negozjati taħt rieżami fid-dawl tal-progress fin-negozjati u jaġġornahom kif meħtieġ.
3. Jekk l-Unjoni tintalab tawtorizza lir-Renju Unit biex, matul il-perijodu ta' transizzjoni, jintrabat bi ftehimiet internazzjonali li tkun daħlet fihom fil-kapaċità tagħha stess fl-oqsma tal-kompetenza tad-dritt tal-Unjoni, din l-awtorizzazzjoni tkun ir-responsabbiltà tal-Kunsill skont il-proċeduri rilevanti taħt it-Trattati."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Wara konsultazzjoni mal-Kunsill, il-Kummissjoni ser toħroġ dokument ta' gwida dwar applikazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Irtirar li jikkorrispondi għall-paragrafu 19 tad-Direttivi Supplimentari għan-negozjati, li jipprevedi li bħala regola ġenerali r-Renju Unit ma jattendix laqgħat tal-kumitati msemmija fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 jew gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili jew tal-aġenziji, uffiċċji jew korpi fejn l-Istati Membri huma rappreżentati, iżda li eċċezzjonalment, skont il-każ, ir-Renju Unit jista' jiġi mistieden jattendi mingħajr drittijiet tal-vot."